Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0287(NLE)

23.02.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032)
(13158/2025 – C10-0346/2025 – 2025/0287(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Oihane Agirregoitia Martínez

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

KONTENUT

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032)
(13158/2025 – C10-0346/2025 – 2025/0287(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13158/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032) (13165/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0346/2025),

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Cook.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan il-protokoll il-ġdid ġie nnegozjat sabiex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Cook li ilu fis-seħħ mill-10 ta' Mejju 2017. Il-protokoll ikopri perjodu ta' seba' snin u għandu l-għan li jaġġorna l-qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Cook filwaqt li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) kif ukoll il-prijoritajiet tal-Gżejjer Cook. Dan il-protokoll ta' implimentazzjoni se jsaħħaħ ukoll is-sħubija strateġika li l-Unjoni għandha mal-Gżejjer Cook u jippromwovi politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook.

Ir-rapporteur tenfasizza l-importanza tal-protokoll biex jikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, u għalhekk huwa importanti li l-implimentazzjoni ssir bl-użu tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, u li l-kooperazzjoni xjentifika se tkun parti importanti mis-sħubija kontinwa mal-Gżejjer Cook.

Ir-rapporteur temmen ukoll li huwa importanti li r-relazzjoni tas-sajd tagħna mal-Gżejjer Cook tiġi implimentata b'mod koerenti flimkien mal-oqsma l-oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni tagħna u l-Gżejjer Cooks. Huwa importanti li niffukaw fuq l-iżgurar ta' sinerġiji fl-aspetti kollha tas-sħubija tagħna mal-Gżejjer Cook, u dan jinkludi kwistjonijiet strateġiċi oħra bħas-sostenibbiltà ambjentali, ir-reżiljenza għall-klima kif ukoll kooperazzjoni ekonomika usa'.

Il-protokoll se jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għal erba' bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża u 40 jum ta' sajd fis-sena fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook. Il-protokoll u l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook huma importanti għall-bastimenti tal-UE li joperaw f'din iż-żona. Meta mqabbel mal-aħħar protokoll, dan huwa tnaqqis fil-jiem ta' sajd li għandu jallinjah aħjar mar-rata tal-użu skont l-aħħar protokoll. Il-Protokoll se jipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-Gżejjer Cook ta' EUR 460 000, li minnhom EUR 165 000 imorru għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd u EUR 295 000 għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

Ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-protokoll il-ġdid. Dan huwa importanti kemm għall-bastimenti tas-sajd tal-UE li joperaw fiż-żona, iżda wkoll sabiex tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Cook. Is-sitwazzjoni ġeopolitika fiż-żona hija raġuni importanti għall-Unjoni li żżomm sħubijiet b'saħħithom ma' pajjiżi sħab fiż-żona kif ukoll kooperazzjoni aktar profonda u Governanza tal-Oċeani msaħħa fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent speċifikament permezz tal-ħidma fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd bħad-WCPFC.

Ir-rapporteur tqajjem b'mod speċjali tħassib dwar l-attivitajiet u l-influwenza estiża taċ-Ċina fir-reġjun u temmen li huwa importanti li l-Unjoni taħdem b'mod diliġenti biex tipproteġi s-sħubijiet tagħna fir-reġjun kif ukoll tesplora oħrajn ġodda potenzjali biex issaħħaħ l-influwenza tal-UE u tikkontribwixxi għal struttura aktar b'saħħitha ta' Governanza tal-Oċeani bbażata fuq ir-regoli.

Ir-rapporteur tenfasizza li l-appoġġ settorjali skont il-protokoll il-ġdid se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd tal-Gżejjer Cook kif ukoll għall-iżvilupp tas-settur

nazzjonali u tal-ekonomija tas-sajd tagħhom billi jippromwovi t-tkabbir marbut mal-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-sajd, inkluż l-infrastruttura assoċjata, u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. L-appoġġ se jikkontribwixxi wkoll għall-pjan globali tagħhom għas-sajd, il-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali kif ukoll l-appoġġ għas-settur tagħhom tas-sajd fuq skala żgħira.

Ir-rapporteur tenfasizza wkoll l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet u l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew mill-Kummissjoni u mill-Kunsill meta jimplimentaw u potenzjalment iġeddu l-ftehim jew il-protokoll. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-Parlament jinżamm infurmat bis-sħiħ u fil-pront, f'kull stadju, dwar il-proċeduri relatati mal-Protokoll kif ukoll mal-Ftehim.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).